TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 322/12/GB

**Carmel Mangion**

**vs**

**Alfred Cuschieri**

Illum 12 ta' Marzu 2014

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-18 ta' Dicembru, 2012 fejn ir-rikorrent talab rifuzjoni ta' sitt mitt Ewro (€600.00), rapprezentanti l-prezz li huwa hallas ghal arma tan-nar, li nxtrat minghand l-intimat, liema arma tan-nar kienet difettuza.

L-intimat ipprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attenda ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent, li huwa l-istess rikorrent, u wara li sema' x-xhieda guramentata ta' l-intimat, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi:-**

Fi Frar 2011 huwa kien xtara arma tan-nar 'revolver single action' minghand l-intimat, illi wara ftit ijiem irrizultat li kienet difettuza. L-intimat kien wieghed lir-rikorrent diversi drabi illi kien ser jaghmel tajjeb, a spejjez tieghu, sabiex jirrimedja dan id-difett, jew fin-nuqqas jirrifondi lura s-somma ta' sitt mitt Ewro (€600.00) rapprezentanti l-prezz tal-arma tan-nar. L-intimat, pero' minkejja li gie nterpellat diversi drabi sabiex ihallas dan l-ammont, kien baqa' inadempjenti, u ghalhekk kellha sir din il-kawza.

Ghaldaqstant ir-rikorrent qed jitlob sabiex jigi ddikjarat li l-intimat huwa debitur tieghu fis-somma ta' sitt mitt Ewro (€600.00), u sabiex l-intimat jigi kkundannat ihallas is-somma ta' sitt mitt Ewro (€600.00) lir-rikorrent.

**L-intimat ssottometta bil-miktub illi:-**

1. Preliminarjament l-azzjoni hija preskritta ai termini tal-Artikolu 1431(1) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, m'huwiex minnu li l-arma tan-nar hija difettuza kif qiegehd jallega r-rikorrent;

3. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost l-intimat m'hu debitur ta' ebda ammont;

4. Illi t-talba tar-rikorrent ghandha tigi michuda bl-ispejjez kollha kontra tieghu.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrent, huwa rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub.

Ir-rikorrent ezebixxa zewg ritratti, li gew immarkati bhala Dok.CM1 u Dok.CM2; flimkien ma' ittra legali datata 24 ta' Novembru 2011 li kienet intbaghtet lill-intimat, li giet immarkata bhala Dok.CM3.

In kontro-ezami, ir-rikorrent ikkonferma illi xtara l-arma minghand l-intimat. Ikkonferma wkoll illi huwa kien uza l-arma u mat-tieni darba harget id-difett. Huwa uzaha darba f'Hal Safi u t-tieni darba fil-Handaq. Stqarr illi huwa kien inaddafha wara l-uzu u kien izarmaha biex inaddafha. Ma setghatx titranga facilment. Huwa kien qala' r-romblu u hadu ghand l-intimat. L-intimat kien offra li jara x'ghandha u jaghtihielu lura rrangata. Kif ir-rikorrent hadha lura wara li l-intimat irrangaha, regghat bl-istess problema. Meta r-rikorrent rega' hadielu l-intimat ma accettahhiex it-tieni darba.

In ri-ezami, ir-rikorrent stqarr illi ghandu bosta armi ohra barra din.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi l-intimat fix-xhieda guramentata tieghu rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub.

L-intimat ezebixxa kopja tal-korrispondenza bejnu u bejn is-supplier tal-arma in kwistjoni, li giet immarkata bhala Dok.AC1; flimkien ma' kopja ta' ittra legali datata 15 ta' Mejju 2012 li kienet intbaghtet lir-rikorrent, li giet immarkata bhala Dok.AC2.

In kontro-ezami, l-intimat stqarr illi huwa m'huwiex gunsmith certifikat, izda gun dealer. Ikkonferma illi m'ghandux certifikazzjoni biex isewwi u li m'huwiex kompetenti ghal dan ghaliex m'huwiex gunsmith.

It-Tribunal sema' s-sottomissjonijiet finali tal-partijiet.

It-Tribunal josserva illi hlief ir-rikorrent ghall-konferma tal-fatti u l-intimat ghas-subizzjoni, ma kien gie indikat l-ebda xhud iehor da parte tar-rikorrent. It-Tribunal josserva wkoll illi ma kien gie pprezentat l-ebda rikors in vista ta' dan in-nuqqas. Illi ghalhekk, it-Tribunal qed jordna l-isfilz mill-process tax-xhieda ta' Louis Farrugia.

It-Tribunal josserva illi nonostante l-ftehim li kien intlahaq bejn il-partijiet illi jaghmlu kuntatt mal-Brigadier Maurice Calleja sabiex huwa jkun jista' jezamina l-arma in kwistjoni fil-prezenza tal-partijiet, sabeix jassikura illi tali arma tista' tkun uzata minghajr periklu u sabiex ir-rikorrent jipprova tali arma u jkun sodisfatt bl-uzu tal-istess, tali ftehim baqa' ma mmaterjalizzax.

Fuq dan il-punt, it-Tribunal josserva wkoll illi minkejja l-fatt illi fl-udjenza tal-24 ta' Ottubru 2013 ir-rikorrent kien qabel mal-ftehim hawn fuq deskritt, fl-udjenza tat-12 ta' Frar 2014, huwa ddikjara illi l-persuna teknika li kien gie miftiehem bejn il-partijiet m'hijiex il-persuna idoneja u cioe' m'ghandhiex l-expertise necessarju sabiex tikkonstata d-difetti in kwistjoni u ghalkemm saru tentattivi biex jinstab espert idoneju, dan kien impossibbli minhabba n-natura tad-difett.

L-intimat issolleva l-preskrizzjoni ta' sitt xhur taht l-Artikolu 1431 (1) tal-Kodici Civili.

Fil-fehma ta' dan it-Tribunal din l-eccezzjoni ma tistax tigi milqugha ghas-segwenti ragunijiet:

1. Il-preskrizzjoni, ossia dekadenza, eccepita tapplika ghall-azzjoni redibitorja u ghal dik stimatorja disponibbli taht il-Kodici Civili;

2. L-azzjoni odjerna izda m'hijiex azzjoni redibitorja jew stimatorja intentata taht id-disposizzjonijiet relevanti tal-Kodici Civili izda hija azzjoni intentata ai termini tal-Artikoli 73 u 74 tal-Att dwar l-Affarjiet tal-Konsumatur (Kap. 378);

3. Il-Kap.378 jikkostitwixxi *lex specialis* li tohloq Tribunal b'gurisdizzjoni specjalizzata fil-kaz ta' talbiet imressqa minn konsumatur kontra negozjant u jikkonferixxi rimedji li jmorru lil hinn minn dawk provduti mill-azzjoni stimatorja jew dik redibitorja.

4. Skond l-Artikolu 75 tal-Kap. 378 dan it-Tribunal jista' jordna t-tiswija jew is-sostituzzjoni tal-oggett mertu tal-kawza oltre li jordna l-hall tal-kuntratt jew ir-rifuzjoni ta' parti mill-prezz. It-Tribunal jista' anki jillikwida danni morali fill-kazijiet kongruwi. L-azzjonijiet previsti mill-Kodici Civili huma ferm aktar limitati in kwantu jikkontemplaw biss il-hall tal-bejgh jew altrimenti t-tnaqqis tal-prezz. Minn dan jikkonsegwi li l-azzjoni odjerna ma tistax titqies semplici azzjoni redibitorja jew stimatorja.

5. Aktar fondamentalment il-Kap.378 jikkontempla perijodu dekadenzjali ta' sentejn (vide Artikolu 78 tal-Kap. 378) ghall-azzjonijiet li jingabu quddiem dan it-Tribunal. Ma jaghmilx sens li l-istess azzjoni tkun milquta minn zewg preskrizzjonijiet differenti.

6. Fil-fehma konsiderata ta' dan it-Tribunal il-Kap 378 jammonta ghal *lex specialis* ghar-ragunijiet imfissra aktar 'l fuq. Huwa pacifiku li *lex specialis derogat generalis* u konsegwentement il-preskrizzjoni taht l-Artikolu 1431(1) tal-Kodici Civili ma tapplikax ghall-azzjoni *de quo.*

7. It-Tribunal huwa mgharraf bil-fatt illi jezistu sentenzi tal-Qorti tal-Appell fejn giet applikata l-preskrizzjoni taht l-Artikolu 1431(1) ghal azzjonijiet mibdija quddiem dan it-Tribunal. Dan it-Tribunal izda ma jaqbilx ma' tali gurisprudenza ghar-ragunijiet migjuba aktar 'l fuq u ser jiddipartixxi mill-istess gurisprudenza. It-Tribunal qieghed jiehu din id-decizjoni b'responsabiltà kbira u wara li haseb fit-tul dwar din il-kwistjoni. Apparti l-argument bazat fuq il-principju *lex specialis derogat generalis,* dan it-Tribunal iqis li hemm konsiderazzjoni fondamentali ohra li trid issir. Ir-rimedji moghtija mill-Kap. 378 huma implementazzjoni tad-Direttiva tal-Unjoni Ewropea 1999/44/EC, "Directive on Certain Aspects of the Sale of Consumer Goods and Associated Guarantees". It-terminu ta' sentejn li jipprovdi ghalih l-Artikolu 78 tal-Kap. 378 johrog direttament mill-imsemmija Direttiva.

8. Is-sbatax-il preambolu tad-Direttiva jipprovdi li:

*"Billi huwa xieraq li jkun limitat fiż-żmien il-perijodu li matulu l-bejjiegħ huwa responsabbli għal kull nuqqas ta' konformità li teżisti fil-ħin ta' forniment ta' l-oġġetti; billi l-Istati Membri jistgħu jipprovdu wkoll għall-limitazzjoni fuq il-perijodu li fih il-konsumaturi jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom; sakemm dan il-perjodu ma jiskadix fi żmien sentejn mid-data ta ' forniment; billi fejn, fil-leġislazzjoni nazzjonali, iż-żmien meta jinbeda perijodu ta ' limitazzjoni m ' huwiex iż-żmien tal-forniment ta ' l-oġġetti, id-dewmien totali tal-perijodu ta ' limitazzjoni li hemm provdut għalih fil-liġi nazzjonali m ' għandux ikun anqas minn sentejn mill-ħin ta ' forniment;"*

9. L-Artikolu 5(1) tal-istess Direttiva jipprovdi li:

*"Il-bejjiegħ għandu jinżamm responsabbli skond l-Artikolu 3 fejn in-nuqqas ta' konformità ssir apparenti fi żmien sentejn minn meta l-oġġetti twasslu għandu il-konsumatur.* ***Jekk, skond il-leġislazzjoni nazzjonali, d-drittijiet stipulati fl-Artikolu 3(2) huma soġġetti għal perijodu ta' limitazzjoni, dak il-perjodu m'għandux jiskadi f'perijodu ta' sentejn mill-forniment.*** *"*

Huwa car li skond l-Artikolu 5 tad-Direttiva, it-terminu ta' sentejn ghandu jipprevali fuq preskrizzjonijiet aqsar li jkunu applikabbli taht il-ligijiet nazzjonali tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea. Il-portata tal-Artikolu 5 tad-Direttiva huwa li jtawwal il-preskrizzjonijiet applikabbli taht il-ligijiet nazzjonali tal-pajjizi membri tal-Unjoni Ewropea b'mod illi tali termini ma jistghux jiskadu fi żmien sentejn mid-data tal-fornitura.

Dan it-Tribunal ihoss illi kieku kellu jikkonforma ruhu mad-decizjonijiet tal-Qorti tal-Appell li applikaw id-dekadenza ta' sitt xhur taht l-Artikolu 1431(1) tal-Kodici Civili ghal azzjonijiet

ta' din ix-xorta minghajr ma qiesu l-impatt tal-Artikolu 78 tal-Kap. 378 u, aktar fondamentalment, minghajr ma qiesu l-impatt tal-Artikolu 5 tad-Direttiva, dan it-Tribunal ikun qed jaghti decizjoni li m'hijiex konformi ma' dak li tipprovdi d-Direttiva u dan ikun jammonta ghal ksur tal-Artikolu 3 tal-Att dwar l-Unjoni Ewropea (Kap. 460) li jipprovdi dwar is-supremazija tal-ligijiet tal-Unjoni fuq il-ligijiet domestici tal-Istati Membri tal-Unjoni.

Illi ghalhekk, it-Tribunal qed jichad l-ewwel eccezzjoni tal-intimat.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, ma jistax ma jikkummentax dwar il-fatt illi r-rikorrent kien dahal fi ftehim mal-intimat fl-udjenza li nzammet fl-24 ta' Ottubru 2013, pero' mbaghad fl-udjenza li nzammet fit-12 ta' Frar 2014 huwa kien biddel fehemtu kompletament fuq dan il-ftehim. Illi r-rikorrent mhux talli hela l-hin ta' dan it-Tribunal u tal-kontro-parti, billi ma ghamel assolutament xejn sabiex jintlahaq l-imsemmi ftehim, pero' anke iddecieda minn jeddu illi l-persuna teknika li kien hemm qbil fuqha ma kienitx il-persuna idoneja. It-Tribunal josserva illi l-intimat kien offra diversi drabi illi jipprova jtejjeb is-sitwazzjoni, u dana qed jinghad ukoll b'referenza ghal Dok.AC2 ezebit in atti, li ghal liema offerta r-rikorrent qatt ma ta raguni valida ghar-rifjut ta' l-istess. Illi t-Tribunal jaqbel bi shih ma' l-offerta li nghatat lir-rikorrent fl-imsemmi Dok.AC2, u ghalhekk qed jilqa' t-talba tar-rikorrent limitatament ghal tali offerta u jordna illi l-arma in kwistjoni tigi sparata fuq ir-range li hemm f'Tal-Handaq fil-prezenza tal-partijiet, liema arma ghandha tigi sparata ghal hamsin (50) darba. It-Tribunal jordna wkoll illi jekk waqt din il-prova l-arma in kwistjoni ma tisparax tajjeb, allura dak il-hin stess l-intimat ghandu jhallas l-ammont ta' sitt mitt Ewro (€600.00) lir-rikorrent, bil-patt u l-kundizzjoni illi jekk dan l-ammont jigi rifuz lir-rikorrent, ir-rikorrent ghandu jirritorna l-arma in kwistjoni lill-intimat fil-mument li jsir l-imsemmi hlas. B'dana illi kull parti ghandha tbaghti l-ispejjez taghha tal-kawza.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**